MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta ta' 30 ta' Settembru, 2002

Appell Civili Numru. 221/1997/1

**C. Sare' Marble Works Ltd.**

**vs**

**Cristiano u Alfrida konjugi Bugeja**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

1. B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fit-28 ta' Settembru 2001, l-appellanti gew ikkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' Lm500 bhala bilanc dovut fuq prezz ta' provvista u twieghid ta' irham, bl-ispejjez kontra l-appellanti. L-appell hu tal-konvenuti.

2. L-iter processwali kien li gej:-

2.1. B'avviz prezentat fit-12 ta' Frar 1997, is-socjeta' appellata talbet li l-appellanti jigu kkundannati ihallsu s-

somma ta’ Lm500 bilanc minn somma akbar dovuta ghall-provvista u tqeghid ta’ riham fil-proprjeta’ ta’ l-appellanti.

2.2. Illi permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentati fit-8 ta’ April 1997, l-appellanti eccepew li t-talba attrici kienet preskrita ai termini ta’ l-artikolu 2148(A) tal-Kodici Civili u sussidjarjament li l-ammont pretiz mhux dovut stante li x-xoghol ta’ l-irham imqieghed fil-proprjeta tal-konvenuti huwa difettuz u ma sarx skond kif titlob is-sengha u l-arti.

2.3. Illi permezz ta’ kontro-talba prezentata mill-appellanti man-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom, l-appellanti talbu li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tikkundanna lis-socjeta’ appellata sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat mill-Qorti, a spejjez taghha, taqla x-xoghol ta’ l-irham difettuz u madum hazin imqieghed mis-socjeta appellata fil-proprjeta’ ta’ l-appellati 61, Old Railway Track, Santa Venera taht is-sorveljanza ta’ Perit Arkitett nominat mill-Qorti u terga tezegwixxi x-xoghol ta’ l-irham fl-istess proprjeta’ b’mod li l-irham difettuz jigi sostitwit kollu kemm hu u fin-nuqqas, l-appellanti jigu awtorizzati jaghmlu dan a spejjez ta’ l-appellati. Bl-ispejjez kontra l-appellati.
2.4. Illi b’nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata ghall-kontro-talba ta’ l-appellanti, is-socjeta’ appellata eccepiet li t-talba rikonvenzjonali hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u skond l-ordni ta”l-appellanti stess.

2.5. Illi fl-10 ta’ Gunju 1998, l-Ewwel Qorti iddecidiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellanti billi cahdet l-istess. L-appellanti ma humiex qed jappellaw minn din is-sentenza preliminari.

2.6. Illi s-sentenza appellata giet deciza fit-28 ta’ Settembru 2001.

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**
3. Illi l-appellanti hassew ruhhom aggravati mis-sentenza in kwantu din cahdet it-tieni eccezzjoni ta’ l-appellanti u kkundannat lill-istess appellanti ihallsu lis-socjeta’ appellata s-somma ta’ Lm500, interponew appell mill-istess ghar-ragunijiet segwenti:

i. illi minn ezami bir-reqqa tal-process relattiv ghall-proceduri odjerni, jidher car li l-Ewwel Qorti ghamlet zball fl-apprezzament tal-provi u tar-rizultanzi procedurali. Filwaqt li l-Ewwel Onorabbli Qorti iddikjarat, fil-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar tas-sentenza taghha, li l-appellanti kienu abbandunaw il-procedura fil-fazi dibattimentali taghha u naqsu li jipproducu provi favur it-tezi taghhom, l-atti processwali jixhdu l-kontra. L-appellanti kwazi dejjem attendew ghas-seduti tal-Qorti dawk mizmuma quddiem il-Perit Tekniku l-AIC Renato Laferla, taw ix-xhieda taghhom u anke attendew ghat-trattazzjoni finali tal-kawza fl-14 ta' Gunju 2001. Bl-attendenzi taghhom, l-appellanti zgur li hadu aktar interess fil-proceduri mis-socjeta' appellata.

ii. illi s-sentenza appellat tindika li l-Ewwel Qorti zbaljatament naqset li tirreferi ghall-konkluzjonijiet tar-rapport peritali prezentat mill-Perit Tekniku Renato Laferla, liema rapport jifforma parti mill-atti tal-kawza u li bih l-abbli Perit Tekniku kien ikkonkluda li t-tieni eccezzjoni ta' l-appellanti kellha tintlaqa' fis-sens li x-xoghol ta' l-irham provdut mis-socjeta' appellata ma kienx accettabli. Il-Perit Tekniku Renato Laferla ikkonkluda fir-rapport tieghu li, in vista ta' dan, l-appellanti kellhom jigu kkundannati jhallsu biss nofs il-bilanc rimanenti li intalab mis-socjeta' appellata fl-avviz cioe' is-somma ta' Lm250.

iii. illi l-Ewwel Qorti tidher li injorat ukoll is-sottomissjonijiet verbali maghmulin mill-avukat ta' l-appellanti fit-trattazzjoni finali tal-kawza u cioe' li galadarba rrizulta li x-xoghol ta' l-irham provdut mis-socjeta appellata ma kienx tajjeb u l-appellanti, li m'humiex persuni teknici, strahu fuq il-perizja u l-pariri ta' l-istess socjeta' meta l-irham gie biex jitqieghed, huma ma kellhomx jigu kostretti ihallsu ghal xoghol hazin li, anke bl-uzu ta' standards kummercjali ordinarji, kellu jitnehha mill-bidu. L-appellanti gia kienu hallsu Lm500 ghal dan ix-xoghol hazin (u cioe' hamsin fil-mija tal-prezz miftiehem) u dan gia jeccedi dak li s-socjeta appellata haqqha tithallas ghal xoghol li, l-appellanti jenfizizzaw, mhux accettabbli.

Ghal dawn il-motivi l-appellanti, talbu li dina l-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi

tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni ta’ l-appellanti u tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti jhallsu lis-socjeta’ appellata is-somma ta’ Lm500 bhala bilanc ta’ hames mitt lira Maltin, billi tilqa t-tieni eccezzjoni u l-kontro-talba ta’ l-appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta appellata.

**<u>IR-RISPOSTA TA’ L-APPELL TAS-SOCJETA C. SARE MARBLE WORKS</u>**

4. Is-socjeta’ appellata wiegbet hekk:

Illi s-sentenza moghjtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-28 ta’ Settembru, 2001 hi gusta u timmerita li tigi konfermata.

Illi l-appellanti fir-rikors ta’ l-appell taghhom naqsu li jaghmlu l-icken accenn ghan-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri ippresentata mis-Socjeta’ appellata fejn gie eccepit illi l-konvenuti ma kellhom ebda interess guridiku fl-eccezzjonijiet li ghamlu cioe li x-xoghol tal-granit ma kienx tajjeb u fil-kontro talba ghad-danni konsegwenzjali minn tali xoghol hazin u dan peress li huma fil-mori tal-kawza bieghu l-fond fejn gie mqieghed dan il-granit minghajr ma rriservaw ghalihom id-drittijiet li setghu talvolta kellhom fil-vertenza odjerna.

Is-sentenza ta’ Prim Istanza hadet in effetti konjizzjoni ta’ din l-eccezzjoni bil-provi dokumentati mressqa mis-socjeta attrici kif ukoll tat-trattazzjoni li saret quddiem l-istess Qorti. Il-konvenuti ma gabu ebda prova biex jikkontrobattu din l-eccezzjoni.

L-eccezzjoni hi cara. La darba l-konvenuti bieghu d-dar fejn gie mqieghed l-granit (cioe’ it-targiet ta’ barra) minghajr ma jissemma jew saret riserva da parti taghhom li fil-prezz tal-bejgh ma kienx kompriz kull ammont li setghu batew minhabba l-allegazzjoni taghhom ta’ xoghol hazin jew saret xi reserva tad-dritt litigjuz allura hu konsegwenzjali l-argument illi l-konvenuti ma humiex teoretikament ibatu ebda pregudizzju finanzjarju fil-patrimonju taghhom. Il-patrimonju taghhom semmai gie reintegrat fil-prezz tal-bejgh u ma jistghux f’dan l-istadju jivvantaw drittijiet fuq oggett li ma ghadux taghhom u li

semmai jispetta llum lil terzi.  Argument kontra din s-sottomissjoni tista' tarrikkixxi ingustament lill-konvenuti.

L-esponenti jissottometti illi l-konvenuti llum ma ghandhom ebda dritt jinsistu fuq l-allegazzjoni taghhom stanti li huma ddisponew mill-oggett mertu tad-disputa. Ghalhekk, kif ben ravvisat l-ewwel Qorti, diskussjoni fuq il-mertu tax-xoghol fuq il-granit ma kienx aktar necessarju jew utili ghal vertenza u li allura jibqa' biss it-talba tas-socjeta' attrici ghal hlas tal-bilanc tal-prezz dovut mill-konvenuti, bilanc ta' prezz li qatt ma gie kontestat mill-istess konvenuti.

Minghajr pregudizzju ghal dak permess, l-esponenti jissottometti illi fil-mertu irrizulta fir-rapport peritali illi mis-somma mitluba ta' Lm500 bilanc tal-prezz kellha titnaqqas is-somma ta' Lm250 minhabba li t-targiet tal-granit li saru mid-ditta attrici ttebbghu ghax kien hemm l-umdita taht il-konkos.  Il-perit tekniku ighid illi dan ma kienx tort tal-granit innifsu izda minhabba li s-socjeta attrici "qaghdet fuq dak li qal il-konvenut u ma ezaminatx hi stess x'kien hemm bzonn isir bhala preparazzjoni adegwata qabel ma tqieghed il-granit".  L-esponenti jissottometti illi mill-fatti kif esposti s-socjeta' attrici ma kellha ebda nuqqas.

Rigward il-kwalita' tal-granit innifsu, s-socjeta attrici kienet irrimarkat lill-konvenuti li kellha kwalita ta' granit aktar addattat ghal barra pero' l-konvenuti riedu dak li fil-fatt tqieghed.  Inoltre meta r-rappresentant tas-socjeta' attrici mar fuq il-post biex ikejjel u jara l-proprjeta staqsa esplicitament il-post kienx protett kontra l-umdita rigward rising damp, u l-konvenut qallu li "l-post ma kienx imiss ma xejn u li tahtu kien vojt".  Il-perit tekniku jissottometti li s-socjeta' attrici ma messiex strahet fuq din id-dikjarazzjoni.
L-esponenti jissottometti illi din id-dikjarazzjoni cara u esplicita tal-konvenuti tefghet ir-responsabilta ta' dak li gara fuqhom.  Irrizulta wara, cioe' ghax il-granit beda jittebba wara li tqieghed, illi l-art ta' tahtu ma kienetx protetta tajjeb.  Ghalkemm is-socjeta attrici ilha diversi snin f'dan ix-xoghol, ma jfissirx li b'daqshekk hi profeta u tara dak li ma jidhirx a priori.  Fl-ebda hin il-perit tekniku

ma jghid li l-umdita fil-konkos kien evidenti qabel ma tqieghd il-granit. Allura la darba l-konvenut qieghed jaccetta li kollox kien sew ghat-tqeghid tal-granit hu assuma r-responsabilita' ghal hsara konsegwenzjlali, liema jsara ma kinitx vizibbli jew prevedibbli minn qabel. Seta facilment l-konvenut ighid lis-socjeta' attrici li hu ma kienx jaf x'hemm taht il-konkos u b'hekk jitfa r-responsabilta' kollha fuqha. Dan ghazel li ma jaghmlux anzi kien car li kollox kien lest biex jitpogga l-granit.

Kif jissottometti l-istess perit tekniku, l-eccezzjoni tal-konvenuti giet milqugha ghax ma saritx protezzjoni adegwata kontra l-umdita' qabel ix-xoghol, li ghalkemm ma kienx kompitu tas-socjeta' attrici messha rat li dan ikun sar qabel ma bdiet tahdem hi. Din l-ahhar osservazzjoni tal-perit tekniku tkompli tirrafforza t-tezi attrici li la darba l-protezzjoni kontra l-umdita lanqas ma kien kompitu taghha, u s-socjeta qabel avzat lill-konvenut dwar il-protezzjoni li kien hemm u dan accerta li ma kienx hemm problemi, ma kien qatt fil-kompitu tas-socjeta' attrici, li tinsisti dwar haga li l-istess konvenut ikkonferma li kienet gja' ezistenti.
Ghaldaqstant l-appell ghandu jigi respint bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**
5. Ikkunsidrat li l-vertenza li tat lok ghal dana l-appell min-naha tal-konvenuti hija dwar talba ghall-hlas fl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) ad istanza tas-socjeta' attrici appellata riferibbilment ghall-provvista u tqeghid ta' irham fil-proprjeta' tal-konvenuti. Din is-somma kienet tirrapprezenta biss ammont bilancjali mill-prezz intier ta' l-inkariku fuq imsemmi li b'kollox kien sewa' elf lira. Min-naha taghhom l-appellanti kienu ghamlu wkoll kontro-talba, oltre li kkontestaw in toto t-talbiet attrici fejn talbu addirittura li x-xoghol hazin jinqala' u jsir mill-gdid. Jirrizulta li fil-kors tal-kawza, l-ewwel Qorti kienet qabdet perit arkitett bhala espert gudizzjarju li wara li sema' l-provi prodotti mill-partijiet u ghamel il-kostatazzjonijiet tieghu, ipprezenta relazzjoni dwar dak li rrizultalu.

6. Fl-appell taghhom, il-konvenuti m'humiex jitolbu r-revoka shiha tas-sentenza appellata imma biss riforma, igifieri:
i. billi din il-Qorti tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni taghhom u
ii. tirrevokaha in kwantu kkundannathom ihallsu lill-appellat il-bilanc mitlub ta' Lm500 u dan billi a) tilqa' t-tieni eccezzjoni taghhom kif ukoll b) il-kontrotalba taghhom.

7. Ikkunsidrat li kwantu ghall-kontrotalba ta' l-appellanti, din il-Qorti ma tasalx biex tifhem kif huma ghadhom jippretendu l-akkoljiment taghha meta jirrizulta mill-atti li l-fond de quo lanqas biss ghadu proprjeta' taghhom billi dan gie mibjugh u ttrasferit lit-terz bla ma jidher li l-appellanti, bhala vendituri, ma zammew favurihom id-dritt litigjuz. U di fatti, b'verbal datat l-14 ta' Gunju 2001, quddiem l-ewwel Qorti (ara fol. 105 tal-process) insibu inter alia li gej,
"Dr. Christian Farrugia jirrileva illi stante tibdil fic-cirkustanzi t-talbiet tieghu inkluzi fit-talba rikonvenzjonali qed jigu irtirati hlief ghall-ispejjez."
Illi ghalhekk din il-parti mit-talba ta' l-appellanti, ghajr dik relativa ghall-ispejjez gudizzjarji, ma treggix u qeghda tigi respinta.

8. Illi fil-meritu u riferibilment ghat-talba principali tas-socjeta' appellata, hemm diversi aspetti x'jigu kkunsidrati, kif ser jigi elaborat.

Ikkunsidrat li fir-relazzjoni tieghu l-abili perit tekniku kien tal-fehma, u fil-fatt hekk kien ikkonkluda r-rapport tieghu, igifieri li (ara fol. 60 tal-process)
"..... it-talba attrici inizjali ghandha tigi milqugha in parti biss, u dan billi l-bilanc pretiz mid-ditta attrici jigi ridott bis-somma ta' Lm250, biex b'mod ekwitattiv, jaghmel tajjeb ghad-diversi nuqqasijiet imsemmija, u b'hekk, jigi li l-bilanc, li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati li jhallsu lid-ditta attrici, huwa ta' Lm500 – Lm250 = Lm250 mitejn u hamsin lira Maltin)".

9. Din il-Qorti ezaminat is-sentenza appellata, fid-dawl tas-sottomissjonijiet li sarulha u ma tistax ma tirrimarkax

negattivament dwar il-motivazzjoni skarna u skarsa għall-aħħar li tikkaratterizza din l-istess sentenza. Kulma qalet l-ewwel Qorti kien sempliċement li tgħaddi kumment li l-konvenuti appellanti "kienu ferm attivi fil-parti skritta" imma in segwitu donnhom abbandunaw "il-fazi dibattimentali". Fil-fehma ta' din il-Qorti, multo magis meta hawn si tratta ta' vertenza b'aspetti ta' natura purament teknika, l-ewwel Qorti kien messha tat ferm aktar konsiderazzjoni (minflok l-assenza ta' riferenza totali) lill-kontenut tar-relazzjoni peritali magħmula minn espert tekniku maħtur għal ta' l-apposta.

10. Fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti, il-perit ġudizzjarju analizza s-sitwazzjoni, kemm dik fattwali kif ukoll dik legali, b'mod mill-iżjed korrett. Kemm-il darba kien hemm pronunzjamenti mill-Qrati tagħna fis-sens li mqar jekk jirriżulta li min jordna x-xogħol involut jagħmlu b'mod ħażin u kontra s-sengħa b'daqstant min ikun hekk inkarikat xorta waħda ma jiġix eżonerat kompletament mir-responsabbilta'. Bħala l-parti "esperta" fil-mestjer, is-soċjeta' attriċi kienet fid-dmir li ma tistrieħx biss fuq dak li ġie ssuġġerit jew mitqal lilha dwar is-sodda li fuqha kien ser jitqiegħed il-granit. Wara kollox il-konvenuti ma humiex u ma kienux nies tekniċi jew esperti fit-tqegħid ta' l-irham. Ġustament għalhekk ir-relatur iddeċieda li mill-bilanċ dovut kellha titħallas biss parti minnu, li hu ffissa kwantu għan-nofs ta' l-ammont mitlub bħala bilanċ.

11. Illi dejjem dwar din il-parti tat-talba lanqas iregi l-argoment tas-soċjeta' appellata li sempliċement minħabba li nel frattemp il-fond de quo issa ġie ttrasferit allura l-appellati tilfu kull dritt li jsostnu t-teżi tagħhom li huma ma kenux intitolati milli jikkontestaw li jħallsu l-ammont mitlub minnhom. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-quantum dovut imbagħad, trattandosi ta' ħaġa teknika, u billi la jirriżulta li saret eskussjoni tal-perit ġudizzjarju u lanqas talba għan-nomina ta' periti addizzjonali, allura għandu dan il-fatt jittieħed li din il-parti tar-relazzjoni ġiet aċċetata.

12. Illi għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appell tal-konvenuti għandu jintlaqa' 'in parti' fuq l-istess binarju li kien ġie ssuġġerit mill-espert ġudizzjarju. Fi kliem ieħor,

mis-sorte ta' Lm500 ghandhom jithallsu biss nofshom min-naha ta' l-appellanti u dan per saldu.
Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi u tiddisponi minn dana l-appell billi tilqa' t-talba ta' l-appellanti in parte, billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellanti kif ukoll il-kontrotalba taghhom, u tirrevoka dik il-parti fejn giet milqugha in toto t-talba attrici u tirriformaha billi tirriduci s-sorte bin-nofs, igifieri ghall-ammont ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) u tikkundanna ghalhekk lill-appellanti li jhallsu lill-kontroparti appellata dana l-ammont per saldu, bl-interessi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni/avviz sal-pagament effettiv, u b'dana li l-kap ta' l-ispejjez ghaz-zewg istanzi jithallas nofs bin-nofs (50 : 50) bejn il-partijiet kontendenti.

Dep/Reg
df